Kamra tad-Deputati
Malta

KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI

---

# IR-RWOL TAL-MISSIER U L-FAMILJA: GĦALIEX IR-RWOL TAL-MISSIER HUWA UNIKU U GĦANDU JKUN APPREZZAT AKTAR.
# L-EFFETTI TA' NUQQAS TAL-MISSIER FUQ IT-TFAL.

---

IR-RABA' RAPPORT TAL-11-IL LEĠISLATURA

DIĊEMBRU 2009

## MIFTUĦ GĦALL-KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

## Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tar-Rappreżentanti huwa magħmul minn 7 Membri li ġejjin miż-żewġ naħat tal-Kamra. Skont Ordni Permanenti 120G tal-Parlament, xogħol il-Kumitat huwa li jittratta l-materji kollha li għandhom x'jaqsmu ma' politika soċjali inkluż assistenza soċjali u affarijiet tal-familja, li jistgħu, iżda mhux neċessarjament, ikunu riferuti lilu mill-Kamra jew mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

Il-Membri li jservu fuq dan il-Kumitat huma:

Onorevoli Edwin Vassallo, MP, President

Onorevoli Frederick Azzopardi, MP, Membru

Onorevoli Justyne Caruana, MP, Membru

Onorevoli Michael Farrugia, MP, Membru

Onorevoli Michael Gonzi, MP, Membru

Onorevoli Stephen Spiteri, MP, Membru

Onorevoli Anthony Zammit, MP, Membru

**WERREJ**


| | | |
|---|---|---|
| 1. | **IL-MISSIER U L-FAMILJA: GĦALIEX IR-RWOL TAL-MISSIER HUWA UNIKU** | pġ4 |
| 1.1 | Preambolu | pġ4 |
| 1.2. | Anqas tfal qed jgħixu kemm mal-omm u l-missier flimkien | pġ4 |
| 1.3. | Ir-rwol tal-missier huwa uniku | pġ5 |
| 1.4. | Ix-xogħol u l-missier | pġ6 |
| 1.5. | Is-separazzjoni u l-missier | pġ7 |
| 1.6. | F'hiex isarraf in-nuqqas tal-missier | pġ8 |
| . | | |
| 2. | **IL-ĦSIBIJIET TAL-KUMITAT** | pġ11 |
| 3. | **RAKKMANDAZZJONIJIET** | pġ15 |
| 3.1. | Ir-rwol tal-missier għandu jiġi spjegat permezz ta' edukazzjoni għall-koppji miżżewġa u oħrajn li għad iridu jiżżewġu, inkluż koppji li jiżżewġu biċ-ċivil | pġ15 |
| 3.2. | Edukazzjoni favur komunikazzjoni aħjar bejn il-ġenituri u bejn il-ġenituri u l-ulied | pġ15 |
| 3.3. | Titneħħa r-Reġistrazzjoni tal-Unknown Father | pġ16 |
| 3.4. | Tħejjija għaż-żwieġ ta' koppja li ser tiżżewweġ biċ-ċivil | pġ16 |
| 3.5. | Il-ħtieġa ta' *Family Therapy Unit* fl-iskejjel tagħna | pġ16 |
| 3.6. | Il-miżuri *family-friendly* | pġ17 |
| 3.7. | Aktar inċentivi għal attivitajiet familjari | pġ17 |
| 3.8. | Aktar tagħlim lill-ġenituri | pġ17 |
| 3.9. | Is-servizzi ta' qabel it-tqala tal-Istat | pġ18 |
| 3.10. | Is-sistema edukattiva | pġ18 |
| 3.11. | Edukazzjoni favur saħħa sesswali | pġ18 |
| 3.12. | Evalwazzjoni tal-benefiċċji soċjali | pġ18 |
| 3.13. | Il-familja fis-separazzjoni | pġ19 |
| 3.14. | Jissaħħu s-servizzi għat-tfal fil-Qrati | pġ20 |
| 3.15. | Ħtieġa ta' riċerka dwar l-effett tan-nuqqas tal-Missier fir-realtà tal-familja Maltija | pġ20 |
| 3.16. | It-tfal u l-Qorti | pġ20 |
| 3.17. | Kura u Kustodja | pġ21 |

## IL-MISSIER U L-FAMILJA: GĦALIEX IR-RWOL TAL-MISSIER HUWA UNIKU

### 1.1. Preambolu

Dan ir-rapport jesplora u jitfa' aktar dawl fuq kif ir-rwol tal-missier fil-familja huwa uniku, partikolarment fejn tidħol it-trobbija tat-tfal. Hekk sema' l-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali mingħand l-esperti li ltaqa' magħhom, b'mod speċjali Dr Charles Azzopardi, Terapista tal-Familja. Il-Kumitat fehem kif il-missier għandu jifhem u jaċċetta r-responsabbilità ta' missier, ikollu relazzjoni mill-qrib, kemm mal-omm kif ukoll mat-tfal, sabiex il-kwalità tal-ħajja tal-familja kollha tkun waħda tajba.

Issa ilna għal dawn l-aħħar snin naraw studji u riċerka li juru kif it-tfal f'familji b'ġenitur wieħed, b'mod speċjali familji mingħajr il-preżenza tal-missier, mingħajr ma niġġeneralizzaw, qed jirriżulta li jista' jkollhom riskju ogħla ta' problemi fis-saħħa emozzjonali u psikoloġika, imorru ħażin fl-iskola, jistgħu jbatu l-faqar relattiv, ikollhom imġieba diffiċli, problemi ta' natura soċjali u esklużjoni soċjali.

Madanakollu, trid tittieħed konsiderazzjoni li dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jiġu esperjenzati wkoll minn familji fejn il-ġenituri jkunu flimkien u jkunu għaddejjin minn problemi jew ċirkostanzi fil-ħajja fejn xi ħadd mill-ġenituri jkun ġenitur inviżibbli u ma jippartecipax fil-ħajja ta' wliedu. Biss huwa xjentifikament magħruf li r-riskju jista' jkun ikbar meta l-familja tkun b'ġenitur wieħed, speċjalment meta l-omm tkun qed trabbi lil uliedha waħedha.

Għaldaqstant permezz ta' dan ir-rapport se jiġi kkunsidrat ir-rwol u l-valur tal-preżenza u r-responsabilità tal-missier kemm f'familja fejn il-ġenituri jkunu flimkien, u anke meta l-ġenituri jisseparaw meta s-sitwazzjoni tkun ġeneralment ikkaratterizzata minn kunflitti bejn ir-ragel u l-mara.

### 1.2. Anqas tfal qed jgħixu kemm mal-omm u l-missier flimkien

Minn statistika tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO), fl-2003 in-numru ta' *households* b'ġenitur wieħed u li għandhom wild jew aktar, kienu jammontaw għal 1720, jew 1.3% tal-*households* kollha[1]. Dan tela' għal 3650, jew 2.6% tal-*households* kollha fl-2007[2]. Skont l-NSO fl-2007, 3% ta' dawk li kellhom 16-il sena u li jagħmlu parti minn dawn il-*households*, kienu ma' ġenituri separati jew

---

[1] Laqgħa tal-Kumitat dwar Affarijiet Soċjali Nru. 37. International Day of Families: 2009. Preżentazzjoni u diskussjoni mas-Sur Etienne Caruana, Manager u s-Sur Joe Bonello, Director Economics Statistics – Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. http://www.parliament.gov.mt/sacmeetings11?l=1

[2] ibid

divorzjati[3]. Fl-2008, twieldu 4126 tarbija. Minnhom 1048 twieldu barra ż-żwieġ u 351 minn dawn ġew iddikjarati bħala missier mhux magħruf. [4].

Din l-istatistika turina żieda fin-numru ta' tfal li mhux qed jgħixu maż-żewġ ġenituri flimkien. Barra minn hekk 54% tal-*households* li ġew iddikjarati b'ġenitur wieħed u li għandhom wild jew aktar, ġew klassifikati bħala persuni f'riskju ta' faqar relattiv. Il-persentaġġ ta' 54%, kien jitla' għal-68%, kieku dawn ma rċevewx il-benefiċċji soċjali tal-istat[5]. Dan ifisser li dawn it-tfal, bla ħtija, jistgħu jesperjenzaw kwalità ta' ħajja mhux tajba u inferjuri[6].

Iż-żieda ta' familji mingħajr missier qed tkun attribwita għal ħafna fatturi, ewlenin fosthom, is-separazzjoni, id-divorzju, tfal barra ż-żwieġ, koppji li ma jiżżewġux jew jiddeċiedu li jikkoabitaw. Madanakollu, hi x'inhi r-relazzjoni bejn l-omm u l-missier, ir-rwol tal-missier huwa uniku, u kull inizjattiva għandha tkun maħsuba sabiex tippreserva r-rwol tal-missier u tippromwovi l-preżenza u l-ħajja attiva tiegħu mal-ulied u fil-familja. B'hekk it-tfal ikollhom trobbija idejali u tiġi mnaqqsa t-tbatija ta' meta l-missier ma jkunx preżenti f'ħajjet it-tfal.

**1.3. Ir-rwol tal-missier huwa uniku**

Jista' jingħad li mhux biżżejjed li l-missier ikun fiżikament preżenti fil-familja. Sabiex il-missier jaqdi r-rwol uniku tiegħu fil-familja, huwa jrid jagħti kontribuzzjoni attiva fil-ħajja tal-familja. Il-missier irid ikun parteċipattiv fit-trobbija tat-tfal u jagħti każ u joffri l-impenn tiegħu lill-familja. Huwa jrid joffri s-sapport tiegħu lil kull membru tal-familja, speċjalment lit-tfal għaliex dawn huma l-aktar li jsoffru meta jispiċċaw mingħajr il-preżenza tal-missier.

Dr Charles Azzopardi li huwa Family Therapist kien mistieden mill-Kumitat bħala akkademiku u professjonista prattikanti sabiex jispjega u jagħti informazzjoni dwar l-importanza tar-rwol u r-responsabiltà tal-Missier fil-familja partikolarment fir-rwol tat-trobbija tal-ulied. Fil-preżentazzjoni tiegħu saħaq fuq l-importanza li r-rwol tal-missier jikkumplimenta r-rwol tal-omm u allura dan ifisser li ebda omm ma' tista tieħu r-rwol tal-missier u viċi-versa – it tfal għandhom bżonn tat-tnejn. Il-missirijiet għandhom rwol uniku sabiex jistabilixxu mġieba posittiva fit-tfal tagħhom. Huwa għandu jkun mudell ta' mġieba tajba, fejn it-tfal jaraw lil missierhom jagħti każ lilhom u l-membri l-oħra tal-familja. Il-missier għandu dmir jipparteċipa fl-attivitajiet familjari flimkien mal-omm. B'hekk it-tfal jibdew jibnu profil ta' mġieba tajba, parzjalment ibbażata fuq l-imġieba tajba tal-missier u anke tal-omm. In-nuqqas tal-missier u ta' imġieba pożittiva tiegħu, tista' (iżda

[3] ibid
[4] ibid
[5] ibid
[6] Ara l-ewwel rapport tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali *Il-ħidma lejn l-inklużjoni soċjali tfisser ħidma kontra l-faqar; It-tfal l-aktar li jbatu* http://www.parliament.gov.mt/sacrelateddocuments?l=1

mhux neċessarjament) twassal għal tfal b'aġir anti-soċjali, aggressivi u kriminali. Meta l-missier ma jurix din l-imġieba pożittiva fl-għemil tiegħu, it-tfal jista jkollhom ukoll riskju għoli ta' problemi fl-iskola, isofru minn nuqqas ta' saħħa emozzjonali u jkollhom nuqqas ta' kunfidenza flimkien ma' stampa negattiva tagħhom infushom u anke ta' l-istituzzjoni tal-familja.

Dr Charles Azzopardi, kompla jispjega kif f'Malta għad m'għandniex riċerka estensiva fuq in-nuqqas tal-missier fil-familja għas-soċjetà tagħna, biss minn riċerka li saret fl-Istati Uniti jista' jingħad li 70% taż-żgħażagħ f'istituzzjonijiet ta' riforma ġejjin minn familji b'ġenitur wieħed; u 72% tal-qattiela u 60% ta' persuni li jagħmlu vjolenza sesswali, trabbew mingħajr missier.

F'laqgħat li kellu l-Kumitat ukoll ma' Dr Angela Abela u Fr Charles Tabone il-Kumitat sema' kif xi studji wrew li l-missier jista' jkollu rwol aktar importanti minn tal-omm fi żmien l-adolexxenza u sabiex huwa jipprepara t-tfal għal ħajja aktar indipendenti barra d-dar tal-ġenituri. L-appoġġ u l-impenn tal-missier jgħinu wkoll fl-attitudni tat-tfal fl-iskola, it-tisħiħ tal-ħiliet għax-xogħol u r-riżultati edukattivi tagħhom. Dan ifisser li l-preżenza u l-involviment pożittiv tal-missier fil-ħajja tat-tfal għandu effett interġenerazzjonali fejn l-imġieba tat-tfal, u tat-tfal tagħhom fil-futur, tista' tkun influwenzata mill-imġieba tal-missier kemm b'mod pożittiv kif ukoll b'mod negattiv. Eżempju ċar ta' kif l-imġieba tal-missier tintiret huwa fil-każ tal-faqar relattiv. Din hija sitwazzjoni meta t-tfal jitilgħu f'kultura fejn il-missier ma jmurx għax-xogħol u jkun jgħix minn fuq il-benefiċċji soċjali tal-Istat. Dan huwa attribwit għall-fenomenu msejjaħ *benefit trap* jew *poverty trap*[7].

Dawn l-esperti qalu wkoll lill-Kumitat li t-tfal li jkunu ġejjin minn dan l-isfond familjari ta' faqar interġenerazzjonali u diżimpjieg sistematiku, ikunu iktar vulnerabbli jew suxxettibbli li ma jsibux xogħol. Persuni li jgħixu f'kultura ta' faqar relattiv iħossuhom aktar ċerti minn għajnuniet u benefiċċji soċjali baxxi milli jfittxu xogħol li jkun imħallas ftit u li jistgħu jitilfuh malajr. Dawn il-persuni jidraw jgħixu b'motivazzjoni u b'aspirazzjoni għall-ħajja bażika ħafna (*"kemm kemm tgħaddi"*) għaliex id-dħul finanzjarju tagħhom u l-ħajja soċjali li jgħixu jkunu baxxi ħafna. Sakemm xi professjonist jew persuna ma tgħinx lil dawn it-tfal joħorġu minn din il-kultura, it-tfal li jitilgħu f'dawn iċ-ċirkustanzi jistgħu jirtu din il-kultura u jbatu minn kwalità ta' ħajja ħażina.

### 1.4. Ix-xogħol u l-missier

Dr Charles Azzopardi tenna li f'Malta m'għandniex riċerka li tindika kemm il-ġenituri, b'mod speċjali l-missirijiet, qed iqattgħu ħin mat-tfal. Imma minn riċerka

[7] Ara l-ewwel rapport tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali *Il-ħidma lejn l-inklużjoni soċjali tfisser ħidma kontra l-faqar; It-tfal l-aktar li jbatu* http://www.parliament.gov.mt/sacrelateddocuments?l=1

li saret kemm fl-Istati Uniti u anki l-Ewropa, fid-disgħinijiet il-ġenituri qattgħu 40% anqas ħin minn kemm kienu jqattgħu fil-ġenerazzjoni ta' qabilhom. Fl-1965, il-ġenituri kienu jqattgħu 30 siegħa fil-ġimgħa mat-tfal. Fl-1985 dan niżel għal 17-il siegħa[8].

Dr Azzopardi kompla jgħid li s-soċjetà għandha ċertu sterjotipi fuq il-missier, bħal per eżempju l-kritika li l-missier iqatta' anqas ħin mat-tfal minħabba x-xogħol. Jidher li s-soċjetà qed taċċetta din is-sitwazzjoni u ssib soluzzjoni billi tirrikmanda sabiex il-ġenituri, partikolarment il-missier, iqattgħu ftit ħin mat-tfal iżda ħin li jkun ta' kwalità. Din l-iskuża ma għadhiex treġi u l-ġenituri jridu jqattgħu aktar ħin mat-tfal sabiex it-trobbija tkun tajba u r-relazzjoni ta' bejniethom tkun b'saħħitha. Is-soċjetà trid tiggarantixxi strutturi li jsostnu l-familja, kemm il-missier u l-omm. Ix-xogħol m'għandux ikun l-ixprun jew inkella l-fattur determinanti sabiex il-missier ikun wieħed inviżibbli u r-rwol tiegħu fil-familja jkun minimu. Il-ġenituri għandhom bla dubju jqattgħu aktar ħin mat-tfal tagħhom.

### 1.5. Is-separazzjoni u l-missier

Dr Azzopardi wera kif jeżistu sitwazzjonijiet fil-ħajja miżżewġa li minħabba raġunijiet diversi, koppja ma tibqax flimkien u tiddeċiedi li tissepara. Fil-preżentazzjoni tiegħu lill-Kumitat hu qal hekk;

> 'Iltqajt ma' ħafna każijiet fejn sfortunament l-omm tagħmel ħafna xkiel sabiex ir-raġel ma jarax lit-tfal. Iltqajt ma' sitwazzjonijiet fejn tinfetaħ kawża l-Qorti li kien hemm abbuż sesswali u mbagħad jirriżulta li ma kien hemm xejn minn dan kollu. Jiġifieri tant tidħol pika fin-nofs, li meta nitkellmu fuq separazzjoni ċivili, wieħed irid joqgħod naqra attent, għax mhux kollha jkunu daqshekk ċivili n-nies. Hawn ħafna nies ċivili, li joqgħodu madwar mejda u jagħmlu separazzjoni bonarja. Imma mbagħad hawn ħafna nies oħrajn li r-rabja tant tegħlibhom li jiġu jitnellħu fuq kemm qed jagħmlu ħsara lit-tfal u ma jikkonsidrawx l-impatt ta' dan kollu. Naturalment l-impatt ma jkunx wieħed immedjat imma huwa xi ħaġa dejjiema fuq il-ħajja tat-tfal, l-impatt li kważi kważi - kif intqal fil-bidu tal-laqgħa fuq il-komunikazzjoni - ma tistax tirriversjah. Impatt li bl-ebda terapija ma tirriversjah. Fil-fatt diġà bdejna naraw tfal li llum kibru u għandhom dawn id-diffikultajiet psikoloġiċi.'

Is-separazzjoni tista' ssir b'mod bonarju fejn il-koppja jgħaddu l-proċess ta' separazzjoni mingħajr ġlied u tensjoni żejda bejniethom. Kollox isir bi qbil u fi spirtu ta' ftehim. Dan ma jfissirx li t-tfal ma jiġux effettwati bis-separazzjoni tal-ġenituri tagħhom minkejja li din tkun saret b'mod ċivili u trankwil. Madanakollu,

---

[8] Laqgħa tal-Kumitat dwar Affarijiet Soċjali Nru. 13 u 31. The impact of father absence on the family through parental separation and its effects on children: Discussion with Dr Charlie Azzopardi B.Psy. (Hons.), M.Sc.(UoL.) , Doct. Sys. Psych. (UEL) Systemic Psychotherapist - Couple & Family Therapist http://www.parliament.gov.mt/sacmeetings11?l=1

ħafna separazzjonijiet jispiċċaw ikunu xi ftit jew wisq imqanqla u dan jista' jħalli trawma fuq it-tfal.

Il-ħsara psikoloġika u emottiva tas-separazzjoni fuq it-tfal tibda meta dawn jisimgħu lill-ġenituri jiġġieldu, kemm qabel is-separazzjoni, fis-separazzjoni u wara. Ħsara partikolari ssir meta jibda jingħad diskors dispreġjativ quddiem it-tfal fil-konfront tal-ġenitur l-ieħor, jiġifieri l-missier fuq l-omm jew viċi-versa. Meta l-ġenituri jkissru lil xulxin b'dan il-mod, l-impressjoni tat-tfal fuq il-figuri tal-omm u l-missier tiġi mċajpra[9]. **It-tfal** ma jibqgħux jemmnu fihom infushom u jkollhom problemi saħansitra sabiex jesprimu l-valuri tal-imħabba u r-rispett. Barra mill-ħsara kbira fuq is-saħħa fiżika, psikoloġika u emozzjonali tat-tfal, dawn is-sitwazzjonijiet ma jgħinux favur it-titjieb tal-ġid komuni. Dan għaliex it-tfal li jiġu mrobbija f'dawn iċ-ċirkustanzi **għandhom riskju ogħla li jistgħu jrabbu** mġieba anti-soċjali u ribelluża, li ma tagħmilx ġid lis-soċjetà.

Barra minn hekk, f'età aktar matura **dawn** it-tfal għandhom riskju ogħla li jistgħu jispiċċaw jiffaċċjaw deċiżjonijiet **tqal**, partikolarment meta jaslu okkażżjonijiet aktar il-quddiem f'ħajjithom fejn il-preżenza tal-ġenituri flimkien hija indispensabbli. Dawn jinkludu tiġijiet, festi tal-familja, magħmudija u oħrajn. Għaldaqstant huwa importanti li f'separazzjoni u anke wara l-ġenituri jibqgħu f'kuntatt pożittiv bejniethom, għal-benefiċċju tat-tfal tagħhom.

Dan il-ħsieb iwassal għall-importanza għall-aċċess tat-tfal fis-separazzjoni u kif dan irid jiġi eżerċitat mill-ġenituri b'mod ugwali. Għandha titwarrab ir-rabja, l-għira u l-egoiżmu tal-adulti u jinżamm l-interess tat-tfal bħalha prijorità ewlenija. Il-ġenituri m'għandhomx jieħdu interess biss fuq kif ser tinqasam il-proprjetà u l-assi. Dr Azzopardi għamel enfasi li l-missier qatt m'għandu jkun ġenitur inviżibbli tkun xi tkun iċ-ċirkustanza tal-familja. Dan ifisser li fiċ-ċirkustanza ta' separazzjoni huwa aktar importanti li jinstab kompromess sabiex il-ħin tal-missier mat-tfal ma jkunx ristrett u limitat, kif ukoll il-missier irid jiġi mgħallem biex jifhem din ir-responsabiltà u jaddatta ruħu għall-bżonnijiet tat-tfal.

**1.6. F'hiex isarraf in-nuqqas tal-missier**

Bla preġudizzju għal rapporti oħra u b'attenzjoni partikolari għal realtà ta' kultura u kobor ta' pajjiż, il-Kumitat ukoll ħa nota ta' studju li sar minn Università f'Michigan fl-1989 (Annex 1), fejn jidher li minn 144 tifel u tifla li esperjenzaw in-nuqqas tal-missier; 63% kienu jbatu minn ansjetà, dwejjaq u dipressjoni; 56% kellhom riżultati akkademiċi ħżiena; u 43% urew xi forma ta' aggressjoni fuq il-ġenituri[10].

[9] ibid
[10] http://www.childrensjustice.org/fatherlessness1.htm

Bl-istess mod, bla preġudizzju għal rapporti oħra u b'attenzjoni partikolari għal realtà ta' kultura u kobor ta' pajjiż, il-Kumitat ħa nota wkoll ta' studju li sar fl-2002 (Annex 2), mill-Istitut għall-Istudji tas-Soċjetà Ċivili fl-Ingilterra fejn għamlu analiżi ta' ħafna studji li kienu oriġinaw fl-Ingilterra u pajjiżi oħrajn. Dawn l-esperti ġabru r-rapporti flimkien u għaqduhom f'dokument wieħed komprensiv intitolat *Fatherless Family*[11]. Instab li ommijiet xebbiet jew ommijiet waħedhom għandhom riskju doppju li jispiċċaw fil-faqar relattiv. Dan huwa in linja ma' riżultati tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ta' Malta msemmija aktar qabel f'dan ir-rapport, kif ukoll mal-ewwel rapport ta' dan il-Kumitat[12]. Anke s-saħħa ta' dawn l-ommijiet tista' tkun waħda relattivament iktar ħażina minn ta' dawk l-ommijiet li jkunu f'relazzjoni tajba mal-missier. It-tfal f'familji b'ġenitur wieħed, partikolarment meta l-omm trabbi waħedha, ikollhom 30% aktar riskju li ma jikkomunikawx mal-ġenitur li jkunu qed jgħixu miegħu.

Forsi f'Malta ma tantx tista tiġri minħabba d-distanzi qosra, però fl-Ingilterra, minn 20% sa 30% tal-missirijiet li ma jgħixux mal-familja ma jkunux raw lil uliedhom fl-aħħar sena u minn 20% sa 40% jarawhom anqas minn darba fil-ġimgħa. Intant il-lista ta' problemi relatati man-nuqqas tal-missier, hekk kif elenkati mill-Istitut għall-Istudji tas-Soċjetà Ċivili, hija twila ħafna, għaldaqstant ser niġbruwhom f'punti qosra, b'attenzjoni speċjali fuq it-tfal.

Il-Kumitat irid jagħmel enfasi dwar l-interpretazzjoni ta' statistika u rapporti ta' pajjiżi oħra fuq dan is-suġġett u juri li filwaqt li ħa nota ta' dawn ir-rapporti u statistika, il-Kumitat jifhem ukoll li minkejja kull statistika u rapport għandha s-sinifikat tagħha iżda dejjem trid tikkonsidra l-kultura differenti minn ta' pajjiżna. Wieħed ukoll irid jikkunsidra l-kobor tal-pajjiż. Għalhekk il-Kumitat żamm lura milli jikkonsidra li l-riżultat tar-rapporti u statistika ta' pajjiżi oħra għandhom awtomatikament ikunu attribwiti għar-realtajiet ta' pajjiżna. Madanakollu l-membri tal-Kumitat huma konxji tal-probabiltajiet li l-konklużjonijiet ta' dawn l-istudji jista' jkollhom ċertu korrelazzjoni wkoll mar-realtajiet tal-familji Maltin tenut kont tal-fatt ukoll li llum għandna ħafna familji mħallta li allura jiġu nfluwenzati wkoll minn kulturi u idejat differenti.

Tfal li jgħixu f'familji mingħajr missier għandhom aktar riskju li jkollhom:

- problemi emozzjonali u psikoloġiċi;
- problemi fl-iskola;
- problemi sabiex jissoċjalizzaw ruħhom;
- riskju ta' mard fiżiku;
- riskju li jiġu abbużati sesswalment; u

[11] http://www.civitas.org.uk/pubs/familyMain.php

[12] Ara l-ewwel rapport tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali *Il-ħidma lejn l-inklużjoni soċjali tfisser ħidma kontra l-faqar; It-tfal l-aktar li jbatu* http://www.parliament.gov.mt/sacrelateddocuments?l=1

- għandhom probabilità doppja li jaħarbu mid-dar.

L-adolexxenti li jgħixu f'familja mingħajr missier għandhom aktar riskju li jkollhom:

- problemi ta' saħħa sesswali;
- tqala f'età pre-matura saħansitra fl-adoloxxenza u/jew barra żwieġ;
- problemi ta' kriminalità;
- problemi ta' dipendenza;
- problemi ta' esklużjoni soċjali;
- jitilqu l-iskola kmieni;
- problemi ta' xogħol; u
- kultura ta' dipendenza fuq is-servizzi soċjali.

## 2. IL-ĦSIBIJIET TAL-KUMITAT[13]

Il-Kumitat wera l-preokkupazzjoni tiegħu fuq dawn l-effetti tan-nuqqas tal-missier fuq il-familja u t-tfal. Ġie diskuss kif il-Maltin huma magħrufa għall-bżulija u l-ħin twil li jaħdmu, speċjalment il-missirijiet imma f'ħafna familji l-omm ukoll minħabba piżijiet finanzjarji kbar li l-familja trid tiffaċċa fil-ħajja moderna. Dan kollu jsir b'intenzjoni tajba u għall-ġid tal-familja u tat-tfal u sabiex it-tfal ma jkunu nieqsa minn xejn. Imma għal kuntrarju ta' x'jaħsbu ħafna, dan qed jirriżulta f'nuqqas tal-preżenza tal-ġenituri, speċjalment tal-missier fil-familja u qed itellef mir-rwol importanti tal-missier fit-trobbija tat-tfal.

Sfortunament is-sitwazzjoni finanzjarja ta' diversi familji qed ittellef iċ-ċans li l-ġenituri jqattgħu ħin biżżejjed mat-tfal u jkollhom jagħmlu xogħol ieħor – apparti x-xogħol proprju tagħhom – anke f'ċerti każi kontra x-xewqa tagħhom. Għaldaqstant il-Kumitat ħass li m'għandux ikun hemm il-kundanna mis-soċjetà fuq dawk il-ġenituri li jaħdmu, għax il-ħtieġa tax-xogħol hija riżultat tal-ħtiġijiet li l-familja qed tiffaċċja ta' kuljum.

Il-Membri ddiskutew l-importanza tal-ħin li l-ġenituri għandhom iqattgħu mat-tfal, kemm jekk ġenituri miżżewġa kif ukoll jekk huma separati. Evidenti kien il-fatt li ġenituri separati iqattgħu anqas ħin mat-tfal.

Il-Membri tal-Kumitat ħadu nota ukoll dwar dak kollu li ntqal li huwa ta' dannu kbir meta l-ġenituri jwasslu lit-tfal tagħhom jinqabdu fil-morsa ta' separazzjoni mimlija diżgwid u ġlied bejn iż-żewġ ġenituri. U dan għaliex milli semgħu mingħand l-esperti li tkellmu fuq dan is-suġġett, huwa l-ġlied u d-diżgwid qabel, waqt u wara l-proċess tas-separazzjoni li jħalli trawma u uġigħ fit-tfal. Il-Membri staqsew ukoll jekk hux ġustifikabbli li l-uġigħ li jgħaddu minnu l-ġenituri fis-separazzjoni, jissarrafx f'abbuż psikoloġiku direttament u indirettament fuq it-tfal. Il-Kumitat iddiskuta l-opinjoni tat-Terapista tal-Familja, fejn wera li l-liġi Maltija tas-separazzjoni tagħraf tieħu ħsieb id-diviżjoni tal-assi u proprjetà **imma qed tonqos milli tieħu ħsieb l-interessi tat-tfal**, għaliex l-ulied waqt kas ta' separazzjoni qed jiġu stmati bħala proprjetà tal-ġenituri u mhux bħala tfal vulnerabbli li f'dak il-proċess ta' konsultazzjoni jkunu qed iweġġgħu u dan minkejja li l-kliem tal-liġi jgħid li l-aħjar interess tat-tfal għandu jipprevali.

[13] Laqgħa tal-Kumitat dwar Affarijiet Soċjali Nru. 13 u 31. The impact of father absence on the family through parental separation and its effects on children: Discussion with Dr Charlie Azzopardi B.Psy. (Hons.), M.Sc.(UoL.) , Doct. Sys. Psych. (UEL) Systemic Psychotherapist - Couple & Family Therapist http://www.parliament.gov.mt/sacmeetings11?l=1

Hemm familji li minkejja l-mara u r-raġel m'humiex separati u baqgħu jgħixu taħt l-istess saqaf, ikun hemm ġlied u diżgwid bejn iż-żewġ naħat illi wkoll qed iħalli effett negattiv fuq it-tfal.

Fis-separazzjoni, r-responsabiltà tal-Qorti ma tispiċċax hekk kif il-koppja tissepara u daqshekk. Dawn il-każi għandhom jiġu segwiti biex jaraw x'qed jiġri fir-realtà f'dawn il-familji li jkunu qed jisseparaw. Jiġifieri kemm ir-responsabiltajiet tal-ġenituri lejn it-tfal kif ukoll ir-responsabiltà tat-tfal lejn il-ġenituri. Għaliex mhux imbilli koppja sseparat u spiċċat – jingħalaq il-kapitlu. Fil-fatt wara li ħafna separazzjonijiet jiġu 'finalizzati' jibqgħu jinqalgħu problemi li in konsegwenza tagħhom, il-koppja terġa tispiċċa l-Qorti.

Qed naraw 'x'qed jiġri minn dawn it-tfal? X'qed jiġri minn dawn il-ġenituri? Tista' l-omm tgħid illi l-missier mhux qed jagħti kashom u tagħmel rikorsi l-Qorti. Imma hemm verita f'din jew le? U viċi-versa. Għax dawn huma l-problemi li qed jiġru, illi mbagħad it-tfal jintefgħu għal riħhom u ma għandhomx vuċi in capitolo. *And that is our problem*. Għalhekk imbagħad jaslu biex jagħmlu atti kriminali għax dawn mhumiex qegħdin jiġu segwiti. L-omm marret għalija, l-missier mar għalih għax iridu d-drittijiet tagħhom. U t-tfal min qed jagħti kashom? Kif qed jiġu segwiti? Kif qed jikbru psikoliġikament?' Dan kien kumment li ntqal minn membru tal-Kumitat u l-membri qablu miegħu.

Fir-realtà qed jiġri li ssib koppji fejn l-omm u l-missier qed jiġġieldu għax iridu t-tfal, u minn naħa l-oħra jkun hemm koppji li qed jiġġieldu għax ma jriduhomx it-tfal. Dik hija l-problema li la l-omm u lanqas il-missier ma jkun irridu lit-tfal għax jarawhom bħala xkiel. Sfortunament din it-tendenza qed narawha tikber anke fost in-nisa u dan fejn qabel din kienet persistenti fost l-irgiel. Dan ir-riġett huwa trawma kbira ghal dawn it-tfal li jħossuhom li ma jridhom ħadd

Preżenti għal dawn il-laqgħat fuq l-Effetti tan-Nuqqas tal-Missier, kien hemm ukoll numru ta' uffiċjali mill-Qorti tal-Familja li wrew interess u b'mod volontarju attendew għal din il-laqgħa. Dan jipprometti tajjeb sabiex l-uffiċjali tal-Qorti tal-Familja jkollhom l-aħjar għarfien ta' x'iħossu t-tfal meta l-ġenituri jisseparaw. Il-Membri tal-Kumitat iddiskutew fuq l-importanza li l-membri tal-ġudikatura għandhom ikollhom ukoll l-aħjar għarfien fuq l-effetti tas-separazzjoni fuq it-tfal u dwar it-trawma li jgħaddu minnha t-tfal minħabba s-separazzjoni. Il-Kumitat saħaq għal aktar professjonisti li jieħdu ħsieb l-interessi tat-tfal fil-Qorti u li jwasslu l-vuċi tagħhom aħjar. Ġiet diskussa l-possibilità li jkun hemm Liġi għat-Tfal, kif ukoll ġie rakkomandat numru ikbar ta' Avukati tat-tfal peress li issa spiccajna b'avukat tat-tfal wieħed biss u li s-servizz tagħhom ikun mandatorju u mhux selettiv. Hemm bzonn li r-rwol ta' l-avukati tat-tfal jiġi wkoll stabbilit b'mod statutorju. Il-Membri semgħu kif avukati qed jinnotaw aktar nisa li lesti jirrinunzjaw għall-kustodja tat-tfal minħabba karriera u ntqal kif l-i*stress* ta' dawn

is-sitwazzjonijiet, jistgħu jissarfu f'mard fiżiku u emozzjonali fuq it-tfal. Il-Membri qalu li dan l-i*stress* jiġi ukoll meta t-tfal ma jkunux iridu jmorru bilfors għand xi ħadd mill-ġenituri u sfurzati jagħmlu affarijiet kontra x-xewqa tagħhom. Issemmew esperjenzi ta' abbużi sesswali mill-missier fuq it-tfal fejn it-tfal bħala *defence mechanism* jeskludi kompletament il-figura paterna tal-missier minn moħħhom. Fid-dawl ta' dawn l-esperjenzi huma ddiskutew kif in-nuqqas tal-figura paterna fiż-żwieġ jista' jkollha l-istess effett fuq it-tfal bħal fil-każ ta' separazzjoni normali.

Il-Membri tal-Kumitat urew ix-xewqa li s-soċjetà tkun taf aħjar fuq l-impatt tas-separazzjoni fuq it-tfal u l-effett tan-nuqqas tal-missier fil-familja. Il-Membri ddiskutew ukoll il-preokkupazjoni ta' uħud mill-esperti, fuq il-kawżi fil-Qrati li jinvolvu t-tfal. Dan fid-dawl ta' numru ta' ilmenti dejjem jiżdied ta' tfal li jkollhom il-ġenituri qed jisseparaw u li tpoġġew għall-attenzjoni tal-Uffiċċju tal-Kummisarju għat-Tfal. L-esperti qalu li t-tfal għandhom jingħataw vuċi fil-Qorti u x-xewqat tagħhom għandhom jingħataw l-importanza li tistħoqqilhom, fuq kollox meta jittieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw l-interessi u l-ġid preżenti u futur tagħhom. Il-Membri tal-Kumitat u l-esperti ddiskutew l-introduzzjoni ta' *guardian ad litem*, fejn ikunu impjegati professjonisti, anki fuq livell volontarju, sabiex jassistu lit-tfal u jkunu kapaċi jinterpretaw ix-xewqat tat-tfal tul il-proċess tas-separazzjoni kollhu u jassiguraw li t-tfal ikollhom vuċi fuq dak li qed jiġi diskuss dwarhom u li ser ikollu effett u impatt fuq ħajjithom.

Minn dak li sama' l-Kumitat jidher li għal ħafna familji li qed jgħixu mingħajr missier (*fatherless family*), din is-sitwazzjoni tfisser faqar, uġigħ psikoloġiku, nuqqas ta' opportunitajiet u nuqqas ta' stabilità soċjali u familjari. Il-fibra soċjali li hi meqjusa bħala waħda wiesgħa biżżejjed li tinkorpora stili differenti ta' ħajjiet, qed tiġi mwessa iżżejjed, tant li studji internazzjonali ikkonkludew li din waslet f'punt li titqatta. Minn naħa l-oħra, kull persuna f'soċjetà demokratika għandha l-libertà tal-għażla ta' kif tgħix. Madanakollu kulħadd, speċjalment persuni adulti, għandhom iġorru r-responsabbilità tal-azzjonijiet li jkunu għamlu tul ħajjithom speċjalment fejn jidħlu t-tfal. Għalhekk il-Kumitat ser jibqa' jevalwa r-riżultati ta' kull azzjoni li ssir fis-soċjetà ħalli nitgħallmu mill-esperjenzi u nżommu l-fuq l-idejal u l-prinċipju tal-ġid komuni.

Il-membri tal-Kumitat tkellmu dwar il-ħtieġa li fuq livell nazzjonali, l-istat irid jgħin kemm b'diskussjoni kif ukoll b'inċentivi biex jinħoloq għarfien biex koppja miżżewġa ssib bilanċ bejn il-ħtieġa għax-xogħol u l-ħtieġa għall-ħin fil-familja.

Il-Kumitat huwa konxju ta' l-uġigħ tat-tfal li jbatu minħabba separazzjoni tal-ġenituri. Daqstant ieħor huwa konxju ta' l-uġigħ tat-tfal li minkejja m'hemmx separazzjoni, xorta waħda qed ibatu minn nuqqas tal-preżenza tal-missier jew tal-omm – jew taż-żewġ ġenituri - minħabba li jkollhom iqattgħu ħin twil barra mid-

dar biex imorru x-xogħol. Dan il-Kumitat qed iħoss ir-responsabilta li jikkumenta fuq l-effetti negattivi li jirriżultaw minħabba dan in-nuqqas. Fil-kitba ta' dan ir-rapport, il-Kumitat ħass li m'għandux jiġġeneralizza, iżda dawk l-effetti negattivi huma riżultat ta' probabiltà aktar fejn hemm in-nuqqas tal-missier.

'Meta bdejna dan ir-rapport is-suġġett kien fatherlessness – fejn il-missier mhux qiegħed hemm – u tajna statistika ta' kemm kellna twelid fejn l-omm kienet single, jew inkella unknown father. Issa donnha ġejna f'sitwazzjoni fejn qed nieħdu konsiderazzjoni ta' l-effett tal-fatherlessness fil-familji fejn il-missier mhux qiegħed ikun preżenti iżjed u għalhekk huwa importanti li ma ninsewx lil dawk it-tfal illi minħabba l-għażla ta' l-omm twieldu mingħajr l-għarfien ta' min hu l-missier (*unknown father*).' Dan kien ħsieb ta' preokupazzjoni li sar minn membru tal-Kumitat u li kellu l-qbil tal-membri sħabu, għaliex din il-proċedura tad-dikjarazzjoni tal-*unknown father* hija problema li jeħtieġ li tiġi ndirizzata.

Għalhekk il-membri tal-Kumitat urew il-preokupazzjoni tagħhom li pajjiżna m'għandhux riċerka dwar dan is-suġġett, u għamlu enfasi li f'dan ir-rigward għandha ssir aktar riċerka mill-akkademiċi u l-università sabiex is-soċjetà u l-eżekuttiv tal-Gvern ikun aktar konxji ta' x'inhuma r-rejaltajiet tal-familja Maltija.

## 3. RAKKMANDAZZJONIJIET

Għal darba oħra jidher ċar li tinħass sinerġija bejn ir-rakkomandazzjonijiet li diġà ppublika l-Kumitat fl-ewwel u t-tieni dokument ta' din il-leġislatura[14]. Dan isaħħaħ il-filosofija u l-prinċipju tal-Kumitat li t-tisħiħ tal-familja huwa ntrinsikament marbut mat-tisħiħ tas-soċjetà. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali li jitrattaw it-tisħiħ tal-familja jistgħu jservu anke fit-tkattir ta' kultura favur ir-rwol tal-missier, hi x'inhi ċ-ċirkustanza tal-familja, kemm meta l-ġenituri jkunu flimkien u anke meta dawn jisseparaw. Il-Gvern għandu jindika politika nazzjonali favur it-tisħiħ tal-familji li tiġbor fiha wkoll edukazzjoni favur ir-rwol aktar parteċipattiv tal-missier biex jikkumplimenta l-ħidma li tkun diġà tagħmel l-omm. Hawn taħt qed jiġu rakkmandati servizzi, inizjattivi u programmi li jistgħu jgħinu f'dan ir-rigward.

### 3.1. Ir-rwol tal-missier għandu jiġi spjegat permezz ta' edukazzjoni għall-koppji miżżewġa u oħrajn li għad iridu jiżżewġu, inkluż koppji li jiżżewġu biċ-ċivil

Hekk kif diġá ġie spjegat fl-ewwel u t-tieni rapport ta' dan il-Kumitat, din it-tip ta' edukazzjoni tgħin sabiex il-koppja titgħallem tikkomunika aħjar bejniethom, jagħrfu jsaħħu l-valur tal-impenn u l-kompatabilità fil-ħajja miżżewġa. F'dan l-istess proċess edukattiv tinħtieġ tingħata mportanza lill-valuri universali tal-familja u l-ħtiega ta' aktar bilanċ bejn ir-rwol tal-mara u r-raġel. Ir-rwol tal-missier għandu jiġi identifikat u apprezzat aktar kemm mill-missirijiet infushom kif ukoll mill-ommijiet u mis-soċjetà u għalhekk dan għandu jiġi spjegat kif dan jikkumplimenta r-rwol tal-omm. Għandu jiġi spjegat ukoll f'hiex isarrfu l-effetti tan-nuqqas tal-missier fuq it-tfal, inkluż fis-separazzjoni. F'dan il-każ qed tinħass il-ħtieġa li l-missirijiet separati jkunu megħjuna jifhmu aktar l-importanza li huma jibqgħu jsegwu mill-qrib kif ukoll ikunu preżenti fil-ħajja ta' uliedhom.

Qed jerġa jiġi rakkmandat edukazzjoni li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet, possibilment mill-età tal-adolexxenza. Fl-iskejjel u fiċ-ċentri taż-żgħażagħ għandu jingħata taħriġ favur relazzjonijiet b'saħħithom għaliex jidher li dawn jgħinu għal relazzjonijiet aktar b'saħħithom fil-ħajja miżżewġa. Kull ma jmur qed tinħass il-ħtieġa li jkun żviluppat tagħlim li jgħallem lit-tfal u lill-adulti jikkomunikaw aħjar.

### 3.2. Edukazzjoni favur komunikazzjoni aħjar bejn il-ġenituri u bejn il-ġenituri u l-ulied

Qed tiżdied l-addiction għal computers, television, iPods, u logħob elettroniku ieħor fost l-ulied u l-ġenituri. Dan qed ikun kaġun ta' inqas komunikazzjoni bejn l-istess ġenituri kif ukoll il-ġenituri mat-tfal.

---

[14] http://www.parliament.gov.mt/sacrelateddocuments?l=1

Apparti minn dan qed ikun hemm ċirkostanzi frekwenti fejn filwaqt li l-ġenituri qed ikunu d-dar wara l-ġurnata tax-xogħol, it-tfal wara l-ħin ta' l-iskola qed ikunu obbligati li joħorġu mid-dar għall-*extracurricular activities* – huma x'inhuma – u allura b'din is-sitwazzjoni qed inżommu t-tfal 'l bogħod mid-dar u sussegwentament 'l bogħod mill-ġenituri. Allura meta qed nevalwaw is-sitwazzjoni reali ta' pajjiżna, irridu naraw x'jista jsir biex kemm jista' jkun nagħtu opportunità biex ikun hemm ħin biex kemm it-tfal kif ukoll il-ġenituri jkunu flimkien. Eżempji huma li jkun hemm iktar inċentiv ta' *sports* fl-iskejjel u l-livell ta' l-edukazzjoni fl-iskejjel jogħla biex it-tfal ma jkollhomx il-ħtieġa li jmorru l-privat wara l-ħin ta' l-iskola. Il-ħin ta' l-iskola jkun estiż biex it-tfal jiġu mgħallma suġġetti extracurricular.

### 3.3 Titneħħa r-Reġistrazzjoni tal-*Unknown Father*

L-awtoritajiet iridu jżommu f'moħħhom ukoll ir-rata għolja ta' ommijiet-xebbiet, kif ukoll il-ħtiġijiet tat-tfal tagħhom li twieldu barra żwieġ. Ħafna minn dawn it-tfal jistgħu ikunu qegħdin jgħixu mingħajr missier jew ir-rwol tal-missier fil-ħajja tagħhom tkun minima. Din hija realtà li teħtieġ tkun aktar mistħarrġa. F'pajjiżna jeħtieġ jinstab il-mod ta' kif ikun meqjus bħala dritt tat-tfal ikunu jafu min hu missierhom u ma jibqax ikun possibli li jkollna l-proċedura li permezz tagħha l-omm tista' tagħżel li tirreġistra lit-tarbija b'*unknown father*. Hemm bżonn li ssir kampanja edukattiva biex il-misserijiet ikunu jafu x'għandhom jagħmlu skont il-Liġi biex uliedhom jiġu rikonoxxuti.

### 3.4. Tħejjija għaż-żwieġ ta' koppja li ser tiżżewweġ biċ-ċivil

Qed ikun irrakmandat li koppji li ser jiżżewġu biċ-ċivil għandhom jkunu provduti b'numru ta' laqgħat bi tħejjija għaż-żwieġ fejn tingħata l-informazzjoni dwar kif tista' tissaħħaħ ir-relazzjoni tal-ġenituri, l-impatt tal-ġenituri speċjalment tal-missier (għax huwa l-inqas apprezzat) fuq l-ulied u l-impatt tat-tilwim bejn il-koppja u l-ulied.

### 3.5. Il-ħtieġa ta' *Family Therapy Unit* fl-iskejjel tagħna

Edukazzjoni favur relazzjonijiet b'saħħithom tindirizza wkoll il-ħtieġa li l-ġenituri jkunu jafu l-importanza li jqattgħu il-ħin mat-tfal tagħhom u flimkien bħala żewġ adulti miżżewġa. Il-ġenituri għandhom ukoll jagħrfu l-importanza li jkunu qrib uliedhom f'kull waqt speċjalment fl-addoloxxenza sabiex ikun hemm komunikazzjoni bejn il-ġenituri u l-ulied li tista' tilqa' għall-ħsara li tista' tkun kkawżata minn użu eċċessiv tal-*internet*, ir-rata għolja ta' xorb eċċessiv (*binge drinking*), l-abbuż ta' droga u s-sesswalità. Minn esperjenzi tal-Kumitat, il-ġenituri qed isaqsu għal għajnuna li tgħinhom jagħrfu kif jistgħu jiżvilupaw aħjar l-imġieba tagħhom, bejniethom bħala ġenituri biex ikunu ta' eżempju tajjeb għal uliedhom kif ukoll informazzjoni li tigwidahom jagħrfu kif jistgħu jkunu ġenituri aħjar għal uliedhom. Għal dan l-iskop qiegħed ikun issuġerit li fl-iskejjel primarji u sekondarji jkun żviluppat l-*family therapy services* li tkun ta' servizz kemm

għat-tfal studenti fl-iskola rispettiva kif ukoll għall-ġenituri tagħhom. Il-*family therapy services* qed ikun ukoll suġġerit li tkun ta' gwida kemm għall-ġenituri kif ukoll għall-ulied fil-każ ta' separazzjoni u dan bil-għan li f'każ ta' separazzjoni titnaqqas kemm jista' jkun it-trawma li jgħaddu minnha l-ulied.

**3.6. Il-miżuri *family-friendly***

Għandha tiġi mbuttata kull miżura li tgħin lill-ġenituri jqattgħu aktar ħin mat-tfal u t-tfal mal-ġenituri. Għandu jiġi kkumissjonat studju sabiex flimkien mal-i*stakeholders* kollha jiġu identifikati dawn il-miżuri, b'bilanċ bejn min iħaddem u l-impjegat. Miżuri bħal *flexiwork, telework*, *temping jobs* u *parental leave* iżidu l-ħin tal-ġenituri mat-tfal, filwaqt li jibqgħu jaħdmu. Għandha ssir diskussjoni serja f'dawn ir-rigward fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, anke fid-dawl tar-rejaltajiet ekonomiċi li għaddejja minnhom id-dinja. Ma' dawn għandhom jiġu diskussi metodi innovattivi sabiex missirijiet jattendu korsijiet mingħajr ma jiġu penalizzati mill-*employers* għall-assenza tagħhom minn fuq il-post tax-xogħol.

**3.7. Aktar inċentivi għal attivitajiet familjari**

Il-Gvern, flimkien mal-i*stakeholders*, għandu jkompli jippjana għal aktar spazji miftuħa, postijiet pubbliċi u ġonna fejn il-familja kollha issib spazju fejn tkun tista tirrikreja ruħa b'mod adegwat u flimkien.

**3.8. Aktar tagħlim lill-ġenituri**

F'Malta diġà jeżistu servizzi fil-komunità fejn jista' jingħata tagħlim lill-ġenituri, bħal korsijiet ta' qabel it-tqala, *Well Baby Clinics,* il-Bereġ u ċ-Ċentri tas-Saħħa u l-Kunsilli Lokali. Qed jiġi rakkmandat li jsiru korsijiet qosra fuq ir-rwol tal-ġenituri minn professjonisti differenti. Għandu jingħata attenzjoni sabiex il-missier ukoll ikun preżenti f'dawn il-korsijiet. Il-ħin tal-korsijiet għandu jkun ippjanat b'tali mod li jkun konvenjenti għall-missier sabiex jattendi korsijiet mhux wara l-ħin tal-iskola jew wara l-ħin tax-xogħol, ħalli l-familja ma tinfiridx. Barra minn hekk, qed jerġa jiġi rakkmandat l-introduzzjoni tal-*family nurse* jew *family worker* sabiex ukoll tassisti kemm l-omm u anke l-missier fit-trobbija tal-wild wara t-tqala.

It-taħriġ minn professjonisti msemmi aktar 'il quddiem għandhom jagħtu mportanza wkoll lill-formazzjoni tal-koppja fuq il-valuri u l-importanza tar-rispett, il-fedeltà, il-komunikazzjoni u l-impenn bejn il-koppja. Is-servizzi jridu jkunu jgħinu b'mod prattiku lill-ommijiet u l-missirijiet fit-trobbija aħjar tat-tarbija, pariri ta' saħħa u dik tat-trobbija, u oħrajn li jnaqqsu r-riskji ta' faqar relattiv, bħal użu aħjar tal-flus u soluzzjoni għall-problemi soċjali. Għandu jsir sforz sabiex kemm l-omm u l-missier u dawk ta' madwarhom, inaqqsu x'imġieba ħażina li jista' jkollha effett fuq it-trobbija ta' l-ulied. Ir-rwol uniku tal-missier għandu wkoll jiġi spjegat tul dan il-proċess ta' formazzjoni għall-koppja. Għandu jingħata

tagħlim ukoll fuq l-importanza li l-ġenituri jqattgħu ħin flimkien kif ukoll mat-tfal u l-ħtieġa li t-tfal iffittxu li jqattgħu ħin mal-ġenituri. Fuq kollox għandha titnaqqas il-perċezzjoni ħażina li l-missier għandu jqatta' anqas ħin mat-tfal minħabba x-xogħol.

### 3.9. Is-servizzi ta' waqt it-tqala tal-Istat

Is-servizzi ta' waqt it-tqala tal-Istat għandhom ikunu proattivi f'sitwazzjonijiet fejn il-missier ma jkunx preżenti tul il-korsijiet ta' tħejjija għat-tqala. Meta l-professjonisti jindunaw li hemm problemi fir-relazzjoni bejn l-omm u l-missier, jew il-missier ma jistax jattendi minħabba restrizzjoni ta' xogħol, dawn għandhom jieħdu inizjattiva u jitkellmu mal-koppja. Fejn hemm bżonn jirreferu l-koppja għand professjonisti oħrajn, bħal social workers. F'kull każ, il-missier għandu jkun mgħarraf bir-rwol uniku tiegħu u jsir sforz sabiex il-wild li jkun ġej fid-dinja, jkun jista' jgawdi ż-żewġ ġenituri flimkien, anke jekk dawn mhumiex miżżewġa.

### 3.10. Is-sistema edukattiva

Is-sistema edukattiva Maltija m'għandix tagħmel pressjoni żejda fuq it-tfal u l-ġenituri. Apparti l-*istress* li ġġib magħha din is-sitwazzjoni, il-ġenituri jispiċċaw jibgħatu t-tfal tagħhom f'korsijiet ta' wara l-iskola (il-privat). Dan iġib piżijiet finanzjarji li jirrikjedi l-ġenituri jaħdmu għal aktar ħinijiet twal (normalment il-missier) li jsarraf f'anqas ħin mat-tfal. Ir-riforma fis-sistema edukattiva għandha tkun iktar inklussiva f'attivitajiet extrakurrikulari sabiex tgħin biex ittaffi l-pressjoni żejda fuq it-tfal u l-ġenituri li dawn ifittxu li jirrikorru lejn attivitajiet oħra addizzjonali wara l-ħin tal-iskola u li jkunu qegħdin jieħdu mill-ħin tat-tfal mal-ġenituri u l-ġenituri mat-tfal.

### 3.11. Edukazzjoni favur saħħa sesswali

Il-politika favur it-tisħiħ tal-familja trid twassal il-messaġġ favur saħħa sesswali responsabbli li tnaqqas ir-rata ta' twelid ta' tfal mingħand ommijiet-xebbiet (*single mothers*), tipposponi t-tqala lejn età matura, u d-dritt tat-trabi (fejn hu possibbli) li jkunu jafu min hu missierhom[15]. B'hekk aktar tfal jirnexxielhom jgħixu mal-ġenituri tagħhom, partikolarment il-missier, li f'ħafna mid-drabi dan jispiċċa ġenitur inviżibli.

### 3.12. Evalwazzjoni tal-benefiċċji soċjali

Qed jiġi rrakkomandat studju li permezz tiegħu jevalwa mill-ġdid l-iskop u l-filosofija wara l-liġijiet tal-benefiċċji soċjali kif inhuma eżistenti sa issa. Illum il-ġurnata jidher li jeżistu benefiċċji soċjali li qegħdin jissarfu f'*marriage penalities* (kull miżura legali, fiskali u soċjali li tiddiskrimina minflok tgħin liż-żwieġ). Dan ifisser li ċertu benefiċċji soċjali qegħdin iżommu ċerti persuni marbutin fi stat ta'

---

[15] Ara t-tieni rapport tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali *L-Edukazzjoni u l-Prevenzjoni, ir-Responsabbilità u l-Fedeltà – L-aqwa strateġija nazzjonali favur is-saħħa sesswali* http://www.parliament.gov.mt/sacrelateddocuments?l=1

ħajja apposta biex jibqgħu igawdu minn dawn il-benefiċċji soċjali. Dan jista' jwassal għal tfal li ma jkunux jafu min hu missierhom jew ir-rwol u l-parteċipazzjoni tal-missier f'ħajjithom tkun minima minħabba din is-sitwazzjoni. Anke ċerti benefiċċji soċjali jistgħu jiġu riveduti u jkunu marbutin ma' korsijiet ta' formazzjoni għall-ġenituri. Per eżempju familji li jieħdu l-benefiċċji taċ-*children allowance*, jistgħu jipparteċipaw f'dawn il-korsijiet qosra qabel ma dawn jibdew jieħdu il-benefiċċji fi flus. Dan jista' jkun replikat fil-każ ta' ommijiet-xebbiet li jieħdu l-benefiċċji soċjali. Dan ma għandu jkun ta' ebda detriment għat-tfal li ma għandhom ebda ħtija ta' xejn.

Madanakollu, qed jiġi nnutat li xi ommijiet-xebbiet qed jingħataw pariri legali sabiex jirreġistraw lit-tfal tagħhom mingħajr missier b'mod intenzjonat, b'hekk il-missier ma jkollux kustodja fuq il-wild. L-unika mezz għall-missier sabiex ikollu kustodja fuq il-wild, hija permezz tal-Qorti. Ħafna drabi dawn il-missirijiet ikunu ta' età żgħira u ma jkunux jaffordjaw iħallsu sabiex ifittxu l-kustodja ta' wildhom bil-Qorti. Ir-raġunijiet wara deċiżjoni bħal din jistgħu ikunu ħafna, uħud minnhom ġenwini, però fl-ebda ċirkustanza il-wild ma għandu jiċċaħad mill-għarfien ta' min hu l-missier. Dan hu sentiment egoist ħafna minn naħa tal-omm u li ssarraf f'missier inviżibbli u ineżistenti fil-ħajja tal-wild. Ġie rappurtat ukoll li xi ommijiet-xebbiet jieħdu dan il-pass sabiex hija taqta' l-kuntatt minn mal-missier, u b'hekk dan ma jkunx ta' xkiel għaliha. B'hekk hi tkun tista' tidħol f'relazzjoni oħra u tkun intitulata għall-benefiċċji soċjali.

Għaldaqstant qed jiġi rakkomandat ukoll sabiex l-ommijiet-xebbiet, partikolarment dawk ta' età żgħira, jingħataw għajnuna professjonali li tgħinhom jindunaw bl-importanza tal-missier fil-ħajja tal-wild. B'hekk ikunu qed iħajruhom jirreġistraw lill-missier fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tat-tarbija.

Min-naħa l-oħra l-missirijiet għandhom jiġu mgħejuna anke legalment sabiex ikunu jistgħu jirrikonoxxu lit-trabi tagħhom.

### 3.13. Il-familja fis-separazzjoni

Il-koppji, u partikolarment it-tfal tagħhom, li jkunu għaddejjin minn separazzjoni legali jistgħu jbatu ħafna. Minħabba l-egoiżmu tal-kbar fil-Qrati, it-tfal jispiċċaw ibatu ħafna. Għandu jsir kull sforz ħalli koppji fi kriżi jew f'separazzjoni jingħataw is-sapport kollhu neċessarju ħalli jifhmu x'inhuma l-konsegwenzi tas-separazzjoni fuq it-tfal bla ħtija; u jingħataw terapija tal-koppja u tal-familja (qabel dik legali) li twassal f'medjazzjoni u f'imġieba responsabbli mill-ġenituri tul is-separazzjoni u wara. Il-ġenituri li jkunu għaddejjin minn din ir-realtà għandhom jingħataw kull informazzjoni u taħriġ fosthom l-importanza tal-ħin mat-tfal, l-aċċess għat-tfal li jiġi eżerċitat mill-ġenituri b'mod ugwali, titwarrab ir-rabja, l-għira u l-egoiżmu u jinżamm l-interess tat-tfal bħala prijorità ewlenija. Il-ġenituri ma għandhomx jieħdu interess biss fuq kif ser tinqasam il-proprjetà u l-

assi, iżda għandhom ikunu sensittivi u responsabbli lejn l-uġieħ li jesperjenzaw it-tfal.

Il-missirijiet li jkunu fi proċess ta' separazzjoni ma' għandhom qatt jirrikorru għal vjolenza fl-ebda stadju tal-każ ta' separazzjoni. Missirijiet għandhom jfittxu l-ġid ta' uliedhom u jaraw kif inaqqsu t-trawma tas-separazzjoni li l-koppja tkun għaddejja minnhu u l-missierijiet ghandhom ikunu preparati ghal kull modalita` ta' access li jkun l-iktar addatat ghal-htigijiet u cirkostanzi tat-tfal.

Missirijiet li jkunu obbligati u mgħotija d-dritt permezz ta' sentenza ta' separazzjoni, kuntratt jew digriet li jiltaqgħu ma wliedhom għandhom jkunu mgħallma fuq l-importanza u l-ħtieġa li l-ulied jibqgħu jaraw lill-missierhom. Il-missirijiet li jagħmlu żmien ma jonorawx dan id-dmir għandhom ikunu mwissija fuq il-ħsara li qegħdin jagħmlu fl-iżvilupp ta' saħħa mentali ta' wliedhom u jekk jibqa l-missier jippersisti li ma jiltaqgħax ma' uliedu, il-Qorti tal-Familja għandha jkollha d-dritt li jirrevoka dan id-dritt minn fuq il-missier sabiex f'dan il-każ titnaqqas it-trawma li tinħoloq kull darba li l-missier filwaqt li jkun mistenni jara lill-uliedu dan jonqos li jagħmel hekk.

### 3.14. Jissaħħu s-servizzi għat-Tfal fil-Qrati

Qed jiġi rakkomandat studju sabiex jevalwa l-bżonn ta' aktar impjieg ta' avukati tat-tfal u l-introduzzjoni ta' *guardian ad litem,* fejn ikunu impjegati professjonisti, anki fuq livell volontarju, sabiex jassistu lit-tfal u jkunu kapaċi jinterpretaw ix-xewqat tat-tfal tul il-proċess tas-separazzjoni kollhu.

Għandu jkun mistħarreġ aktar kif il-Qorti tal-Familja fil-proċeduri tagħha taħseb kif tnaqqas it-trawma tas-separazzjoni fuq it-tfal u 'il quddiem jingħataw suġġerimenti f'dan ir-rigward.

### 3.15 Ħtieġa ta' riċerka dwar l-effett tan-nuqqas tal-Missier fir-realtà tal-familja Maltija.

Jinħtieġ il-bżonn li ssir aktar riċerka mill-akkademiċi u l-Università fil-qasam tar-riċerka dwar l-effett tan-nuqqas tal-Missier fir-realtà tal-familja Maltija. sabiex is-soċjetà u l-eżekuttiv tal-Gvern ikun aktar konxji ta x'inhuma r-realtajiet tal-familja Maltija.

### 3.16. It-tfal u l-Qorti

Kemm hu għaqli li t-tfal jintużaw bħala pont fil-ġlied fil-Qorti? Għax din tista' twassal fi trawma li tkun ħafna u ħafna ikbar. Għandu jkun hemm kuntatt mat-tfal 'l barra mill-Qorti. Il-vuċi tat-tfal għandha tkun il-gwida tal-Qorti u din ma għandhiex tkun diskrezzjonali skont il-ġudikant imma għandha tkun prattika

inkorporata f'liġi li allura tkun massima għal kull każ u mhux tvarja minn każ għall-ieħor skont min ikun qed jisma il-każ.

### 3.17. Kura u Kustodja

Waħda mill-ġlidiet li ta' spiss jinqalgħu f'każi ta' separazzjonijiet hija dwar il-kura u l-kustodja. F'kwalunkwe sitwazzjoni li jista' jkun hemm, il-kura u l-kustodja idealment għandha tkun maqsuma.

F'każ ta' separazzjoni, l-ġenituri għandhom jieħdu r-responsabiltà li meta uliedhom jgħalqu t-tmintax-il sena għandha tibqa' tinġarr ir-responsabiltà tal-manteniment. Il-liġi għandha tibda tikkonsidra ċirkostanzi fejn awtomatikament – jiġifieri m'hemmx bżonn li t-tfal jagħmlu rikors jew kawża kontra xi ġenitur biex jibqa' jsostnih – il-ġenitur jibqa' jmantni lil uliedu filwaqt li qegħdin jiffrekwentaw edukazzjoni terzjarja jew sekondarja għolja jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom.